**K**UMMISSJONI **N**AZZJONALI
**P**ERSUNI B'**D**IŻABILITÀ

**MALTA**

**N**ATIONAL **C**OMMISSION
**P**ERSONS WITH **D**ISABILITY

*Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv*

*Office of the Executive Director*

**Stqarrija ghall-Media kollha**

## Servizzi u Beneficcji Ghall-Persuni b'Dizabilità

**Wahda mill-akbar diffikultajiet li jiltaqghu maghha persuni b'dizabilità u l-familji taghhom hi n-nuqqas ta' informazzjoni korretta dwar is-servizzi u l-benefficcji li s-socjetà taghna toffri halli jigu assigurati opportunitajiet indaqs u l-oghla kwalità ta' hajja possibbli.**

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità, sa mill-ewwel snin tat-twaqqif taghha, gharfet dan il-bzonn kbir u indirizzatu billi fl-1991 gabret din l-informazzjoni fi ktejjeb "Servizzi u Benefficcji ghall-Persuni b'Dizabilità". Naturalment, din l-informazzjoni biex tkun effettiva trid tkun aggornata. Ghal dan il-ghan, il-Kummissjoni ghadha kemm ippubblikat il-hames edizzjoni ta' dan il-ktejjeb.**

**L-Onor. Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u Solidarjetà Socjali, ipprezentat din l-edizzjoni nhar l-Erbgha, 4 ta' Awissu. Hi sahqet dwar il-bzonn li persuni b'dizabilità u l-familji taghhom jinzammu infurmati halli huma ma jitilfu xejn minn dak li hu taghhom. Il-Ministru Cristina ziedet tghid li "il-professjonisti kollha u dawk li jahdmu mal-persuni b'dizabilità ghandhom izommu ruhhom aggornati halli jkunu jistghu jghinu b'mod mill-aktar effettiv lill-klijenti taghhom. Dan il-ktejjeb hu ghodda effettiva biex jintlahqu dawn l-ghanijiet." Il-Ministru Cristina ferhet ukoll lil Kummissjoni ghax-xoghol siewi li qed taghmel f'dan il-qasam.**

**Il-ktejjeb hu mqassam f'16-il taqsima, skond it-tip ta' servizz. Dan jinkudi: is-Sahha, l-Edukazzjoni Specjali, l-Impjiegi, is-Servizzi ta' Matul il-Jum ghall-Adulti b'Dizabilità, is-Sigurtà Socjali, id-Djar, is-Servizzi Residenzjali, it-Trasport, Servizzi fil-Komunità, il-Karta ta' l-Identità Specjali, Ghajnuniet Specjali ghall-Persuni b'Dizabilità, l-Informatika, Servizz Spiritwali, il-Hin Liberu, Gharfien Pubbliku, u Tahrig u Ricerka. Hemm ukoll 3 kapitli dwar organizzazzjonijiet li jahdmu f'dan il-qasam: Ghaqdiet Mhux**

Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
Telefon: 2148-7789 · 2144-8521 · 2124-5952 Fax: 2148-4609 Text telefon: 2144-6536
Website: http://www.knpd.org/ Email: alfredbezzina@knpd.org

**Governattivi li jipprovdu servizz, Ghaqdiet Volontarji Nazzjonali, u Ghaqdiet Volontarji Lokali fuq il-livell ta' parocci u kunsilli.**

**Il-Ministru Cristina pprezentat kopji ta' dan il-ktejjeb lis-Sur Marcel Pisani, *Chief Operations Manager* ta' l-Agenzija *SAPPORT*, biex hu jqassmu lil haddiema ta' din l-Agenzija, l-aktar lis-*social workers* li jkollhom bzonn din l-infromazzjoni aggornata. Il-prezentazzjoni saret fic-Centru Hidma Socjali, f'Santa Venera, fil-prezenza tas-Sur Joseph Camilleri, chairman tal-KNPD u s-sur Fred Bezzina, Direttur Ezekuttiv u editur ta' dan il-ktejjeb.**

**Ghalkemm il-ktejjeb hu ppubblikat bil-Malti, l-Kummissjoni tipprovdi verzjoni bl-Ingliz lil min jitlobha. Ghandha ukoll verzjoni awdjo u b'tipa kbira ghal min ghandu bzonnha f'dan il-format, l-aktar minhabba problemi ta' vista. Il-verzjoni bil-Malti u bl-Ingliz tinsab ukoll fuq il-website tal-Kummissjoni: www.knpd.org. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tahdem biex ikun hemm ukoll verzjoni aktar addatta ghall-persuni b'nuqqas intellettwali kif ukoll verzjoni bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija ghal dawk li l-ewwel lingwa taghhom hi dik tas-sinjali. Il-Kummissjoni taghti kopja ta' dan il-ktejjeb bla hlas lil kull min jitlobha - kemm persuni b'dizabilià kif ukoll persuni li jahdmu maghhom.**